## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 63/2017

Seduta tat-08 ta' Jannar 2020

**Il-Pulizija**

**Vs**

**- Omissis -**

**Daniel Farrugia, bin Louis u Josephine nee' Attard, imwieled fl-10 ta' Novembru 1979, residenti f'112, Huddersfield, Triq Kananea, attard jew Dolphin Services Ltd., KW38, Corradino Industrial Estate, Paola, u detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 557879M**

**- Omissis -**

**- Omissis -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Omissis, Daniel Farrugia, Omissis u Omissis, akkużati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' tagħhom bħala diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u'jew rapprezentanti ġuridici tas-soċjeta' kummerċjali '**DOLPHIN INDUSTRIAL SERVICES LIMITED (C28232)**, b'indirizz registrat KW 38. Qasam Industrijali Kordin, Paola, Malta u/jew bħala persuni li kienu inkarigati mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex iħallsu il-pagi dovuti, naqqsu li jħallsu parti mill-**Pagi** dovuti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Awwissu, 2011 u l-31 ta' Ottubru, 2011, ammontati għal €1,215.09, naqqsu li jħallsu is-***Sick leave***, għall-perjodu ta bejn l-1 ta'

Novembru, 2011 u l-24 ta' Frar, 2012, ammontanti għal-€4,202.94, naqqsu li jħallsu parti mill-*Weekly Allowance* dovut ta' bejn l-01 ta' Ottubru, 2011 u l-24 ta' Frar, 2012, ammontanti għal €80.52, u naqqsu li jħallsu parti mill-**Bonus Statutorju** dovut għal-perjodu bejn l-01 ta' Lulju, 2011 u d-9 ta' Diċembru, 2011, ammontanti għall- €119.14 u naqqsu li jħallsu parti mill-***Vacation Leave,*** dovut għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar, 2011 u t-3 ta' Ġunju, 2012, ammontanti għal €2,882.23, li b'kollox jammontaw għal tmient elef erba' mija u disgħa u disgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (**€8,499.92**) liema ammont hu dovut lill-ex-impjegat tagħhom, u cioe' lil **Paul Azzopardi (ID Number 0224064 M)**, fit- 3 ta' Ġunju, 2012.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-30 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Daniel Farrugia ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor sa zmien sentejn millum u bil-kundizzjoni li sa żmien sena jħallas lil Paul Azzopardi detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 224064 M, is-somma ta' tmient elef, erba' mija u disgħa u disgħin euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€8,499.92) ratejalment bl-ewwel pagament issir dovut fl-ewwel ta' Marzu, 2017.

.

Rat ir-rikors tal-appell ta'Daniel Farrugia, ppreżentat fid-9 ta' Frar, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tal-30 ta' Jannar, 2017 in kwantu l-appellant nstab ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u tilliberaħ minn kull imputazzjoni u ħtija, u alternattivament u fl-eventwalita' illi- l-Qorti ssib ħtija, tirriformaha kwantu għal-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-09 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti halliet l-appell ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant Daniel Farrugia.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal pregudizzjali sollevata mill-appellant rigward in-nullita tas-sentenza appellata li naqqset milli tippronunzja ruhha fil-konfront tal-imputati kollha.

Illi l-Qorti ezaminat l-atti processwali minn fejn jirrizulta illi l-proceduri penali odjerni gew istitiwti kontra erba' minn nies u cioe' Louis Farrugia, Eve Farrugia, Carmel Chircop u l-appellant Daniel Farrugia. Illi din it-tahrika inharrget f' isem personali ta' dawn l-erbgha minn nies ghalkemm mixlija fil-kapacita' vikarja taghhom u dan fit-termini ta'l-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> **"Meta reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is-soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'xi kariga tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."**

Dan ifisser illi ghalkemm imharrka personalment madanakollu l-erba' imputati gew imsejha biex iwiegbu ghar-reat lilhom addebitat fit-termini tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u l-legislazzjoni Sussidjarja li taghmel maghha bhala rapprezentanti ta' korp guridiku. Dan maghdud, madanakollu, r-responsabbilta kriminali hija wahda personali u mhux wahda rappresentattiva jew *nomine* bhal

ma jigri fil-kamp civili.

Illi id-dicitura tal-ligi tixbah hafna dik imfassla fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni li titkellem dwar ir-responsabbilta vikarja ghalkemm fis-sena 2002 gie introdott fis-sistema penali taghna il-kuncett ta'l hekk imsejjah *corporate responsibility* fejn allura huwa il-korp maghqud li jigi kkundannat ghal vjolazzjoni tal-ligi minnha komess u mhux il-persuna jew persuni li jirrapprezentawha.

> **"Illi dan ifisser illi kuntrarjament ghal dik ir-responsabbilta vikarja imqieghda fuq spallejn id-direttur ta' korp maghqud fejn allura f'kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena din tigi inflitta fuqu u ghandha tigi skontata minnu <u>personalment</u> anke f'kaz ta' piena pekunjarja, bil-kuncett legali gdid introdott ..... li titkellem dwar il-*corporate liability*, kif inghad, r-responsabbilta penali ghalkemm titqieghed fuq spallejn persuna fizika, madanakollu l-piena pekunjarja hija imputabbli lil-korp maghqud, f'dan il-kaz socjeta kummercjali, liema penali tigi meqjusa bhala dejn civili u titolu ezekuttiv fil-konfront ta' dak il-korp maghqud[1]."**

Issa mid-dicitura tal-artikolu 46 hawn fuq iccitat huwa indubitat illi l-kundanna fit-termini tal-ligi dwar l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali ssir fil-konfront tal-persuna fizika u mhux fil-konfront tal-socjeta kummercjali jew korp maghqud li dik il-persuna tkun qed tirrapprezenta. Mhux biss izda kull persuna li fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat tkun direttur, segretarju, manager jew ufficjal iehor ghandha twiegeb ghall-eghmil ta' dak il-korp maghqud. Dan tghidu ukoll l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha. Illi dawn l-elementi ta' dritt kellhom ifissru illi gjaldarba kienu erbgha l-persuni imputati bil-vjolazzjoni tal-ligi, dawn kollha kellhom iwiegbu ghall-akkuza lilhom addebitata.

Issa minn qari tas-sentenza impunjata jidher illi l-kundanna saret fil-konfront ta' wiehed biss minn dawn l-imputati, bl-Ewwel Qorti tonqos milli tippronunjza ruhha fil-konfront ta' tlett imputati l-ohra billi jew tikkundannhom jew tilliberahom mill-akkuzi lilhom addebitati.

[1] Il-Pulizija vs Daniela Debattista deciza minn din il-Qorti kfi ippresjeduta fis-16/11/2016

Illi mil-verbal tas-seduta tat-12 ta' April 2016, jirrizulta illi l-Ewwel Qorti giet infurmata, ghalkemm ma jirrizultax minn min, illi l-imputat Carmel Chircop miet fil-mori tal-proceduri, filwaqt li l-imputata Eve Farrugia kienet tinsab imsiefra u dan ghal tul ta' zmien. Il-kawza fis-seduta ta' wara titkompla fil-konfront ta' Louis Farrugia u Daniel Farrugia, bl-isem taz-zewg imputati jitnehha mill-okkju tal-kawza u jitnizzel bil-kelma "*Omissis*".

Imbaghad permezz ta' verbal datat 4 ta' Mejju 2016, l-Ewwel Qorti awtorizzat lis-socjeta intimata tibqa' tigi rappresentata unikament minn Daniel Farrugia, bl-okkju tal-verbal f'dik is-seduta issa jigi jaqra "Il-Pulizija vs Daniel Farrugia u *Omissis*". Minn hawn 'il quddiem it-tlett imputati l-ohra, imharrka personalment kif inghad, jisparixxu mill-atti tal-kawza. Il-kaz jitkompla biss fil-konfront tal-appellant Daniel Farrugia ghalkemm fit-18 ta' Novembru 2016 tigi ipprezentata nota ta' sottomissjonijiet mit-tlett imputati Louis Farrugia, Daniel Farrugia, u Eve Farrugia. Is-sentenza finali madanakollu tinghata biss fil-konfront ta' Daniel Farrugia u mhux ukoll fil-konfront tat-tlett imputati l-ohra biex fil-konfront ta'l-istess jibqa' ma jkun hemm l-ebda pronunzjament gudizzjarju, kif inghad.

Illi fil-fehma tal-Qorti allura dan igib mhux biss difett fis-sentenza impunjata izda ukoll fl-atti processwali li mis-seduta tat-12 ta' April 2016 'il quddiem jieqfu fil-konfront tat-tlett imputati Eve Farrugia, Louis Farrugia u Carmel Chircop u jissoktaw unikament fil-konfront tal-appellant Daniel Farrugia.

Dan ifisser illi mhux biss hemm il-ksur ta' formalita essenjzali li trid il-ligi, izda sahansitra hemm vjolazzjoni fis-smiegh tal-kaz li waqaf hesrem fil-konfront ta' tlieta mill-imputati li allura ma ippartecipawx fic-celebrazzjoni tal-process gudizzjarju sa tmiemu u li ma inghatawx il-jedd jiddefendu ruhhom ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Dan qed jinghad ghaliex gjaladarba tirrizulta n-nullita' tad-decizjoni appellata ghar-raguni hawn fuq migjuba meta ma inghatax sentenza fil-konfront tal-

akkuzati kollha, din il-Qorti ma tistax wara li tannulla tali sentenza tghaddi hi stess biex tisma' l-kawza fil-mertu billi t-tlett imputati Louis Farrugia, Eve Farrugia u Carmel Chircop (dan l-ahhar jirrizulta li miet fil-mori tal-kawza ghalkemm ma hemm l-ebda prova dokumentarja in sostenn) ghandhom jinghatw smiegh xieraq skont il-ligi billi jippartecipaw f'dan is-smiegh mill-mument illi l-Ewwel Qorti kompliet tisma' l-kawza biss fil-konfront ta'l-appellant Daniel Farrugia.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeceidi billi tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, tghaddi ghalhekk biex tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett fil-ligi, tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti u dan sabiex jissokta s-smiegh tal-kawza fil-konfront tal-imputati kollha u ghalhekk tordna li isir is-smiegh mill-gdid mis-seduta tat-12 ta' April 2016 'il quddiem.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur